MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 50/2021 LM

**Odessa Mae Guting (K.I. 217722A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriate Affairs***
*('id-Direttur appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Odessa Mae Guting (K.I. 217722A)** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tas-7 ta' Mejju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-

rikorrenti mid-deċiżjoni tal-intimat **Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs** [hawnhekk 'l-appellat'] tat-8 ta' Ottubru, 2020.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti li hija ta' nazzjonalità Filippina, ilha tirrisjedi ġewwa Malta sa mill-24 ta' Marzu, 2019, u kienet taħdem bħala *cleaner* mal-kumpannija Total Management Solutions Limited minn kemm kien ilha tgħix ġewwa Malta. Hija spjegat li l-permess ta' residenza tagħha skada fit-22 ta' April, 2020, u għalhekk hija applikat sabiex iġġedded dan il-permess, permezz ta' applikazzjoni *online* fuq il-*website* tal-Aġenzija Identity Malta. Ir-rikorrenti qalet li wara perijodu ta' madwar sitt xhur, jiġifieri fit-8 ta' Ottubru, 2020, hija ġiet mgħarrfa li l-applikazzjoni tagħha kienet qiegħda tiġi miċħuda u dan għaliex *"... your application was not recommended for approval by Jobsplus because your prospective employer failed to provide the necessary requested feedback."* Qalet li din id-deċiżjoni ma ġietx ikkomunikata lilha, u hija ma kinitx ġiet mgħarrfa bit-tip ta' *feedback* li kien intalab mingħand il-prinċipal tagħha.

## Mertu

3. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti kif ukoll il-prinċipal tagħha, spjegaw li d-direttur tal-kumpannija li kienet impjegata magħha r-rikorrenti, għamel xi żmien ma jidħolx l-uffiċċju minħabba problemi

ta' saħħa, u kien għalhekk li dan naqas milli jirrispondi fil-ħin għat-talbiet li sarulu mill-Aġenzija Identity Malta.

4. Jirriżulta li l-applikazzjoni tar-rikorrenti saret taħt is-*Single Permit Procedure,* kif regolata bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u permezz ta' ittra datata 8 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti ġiet infurmata li sakemm hija m'għandhiex xi tip ta' awtorizzazzjoni oħra biex tkun tista' tibqa' tirrisjedi hawn Malta, hija kellha tħalli l-pajjiż fi żmien għaxart ijiem, u kull dewmien tagħha f'pajjiżna wara li jgħaddu dawn l-għaxart ijiem, ikun meqjus li huwa bi ksur tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Mejju, 2021 il-Bord iddeċieda li l-appell ippreżentat mir-rikorrenti huwa null, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1* ***Preliminary***

*The Board:-*

*Saw that in virtue of a decision dated 8th October, 2020, Identity Malta Agency informed the appellant that his application had been rejected for the following reason:* "... your application was not recommended for approval by Jobsplus because your prospective employer failed to provide the necessary requested feedback"*;*

*Saw the appeal registered on 2nd November, 2020; and*

*Saw that Identity Malta Agency filed no submissions.*

***2 Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the*

*Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, among other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that according to Article 25A (7) of the Immigration Act, appeals are to be filed within three working days from the date on which the decision subject to appeal would have been issued. In the present case, the appeal was filed well outside the relative time limit. Furthermore, no explanation for the late filing of this appeal was provided.*

*In view of this, the Board has no choice but to declare the appeal null.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board declares the appeal null and declines to take further cognisance thereof.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

6. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fis-17 ta' Mejju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-7 ta' Mejju, 2021, u tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex wara li jkollu fil-pussess tiegħu d-dokumenti rikjesti u wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni; jew fin-nuqqas, wara li tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi dwar il-mertu, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tordna lill-intimat sabiex

iġedded il-permess tar-residenza tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur appellat.

7. L-appellanta spjegat li hija ilha tgħix hawn Malta mill-24 ta' Marzu, 2019, u bdiet taħdem mal-kumpannija Total Management Solutions Limited fil-25 ta' Marzu, 2019. Qalet li l-permess tar-residenza tagħha huwa abbażi tax-xogħol tagħha, u dan skada fit-22 ta' April, 2020, u kien għalhekk li hija applikat mal-Aġenzija Identity Malta sabiex iġġedded dan il-permess. L-appellanta qalet li b'deċiżjoni tat-8 ta' Ottubru, 2020, liema deċiżjoni ma ġietx komunikata lilha, l-Aġenzija Identity Malta ċaħdet l-applikazzjoni tagħha, wara li rriżultalha li l-applikazzjoni tagħha ma kinitx rakkommandata għall-approvazzjoni minn Jobsplus, u dan stante li l-prinċipal tal-appellanta naqas milli jipprovdi l-*feedback* mitlub minnu. L-appellanta qalet li l-appell quddiem il-Bord li sar f'isimha, ġie intavolat mill-kumpannija Total Management Solutions Limited, u dan l-appell ġie miċħud permezz tad-deċiżjoni tas-7 ta' Mejju, 2021. Qalet li hija ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, u sostniet li kemm l-Aġenzija Identity Malta kif ukoll il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni applikaw il-liġi u r-regolamenti b'mod żbaljat. Qalet li hija applikat sabiex iġġedded il-permess ta' residenza tagħha mal-Aġenzija Identity Malta kif kienet mitluba tagħmel, u l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda fit-8 ta' Ottubru, 2020, wara li l-prinċipal tagħha naqas li jipprovdi dokumentazzjoni kif intalab jagħmel minn Jobsplus.

8. L-appellanta għamlet riferiment għar-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja numru 217.17, li jgħid li d-Direttur għandu jinnotifika bil-miktub lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu. Qalet li hija qatt ma ġiet

notifikata bil-miktub bid-deċiżjoni tad-Direttur, u dan in-nuqqas imur kontra r-Regolament numru 15 iċċitat minnha. Żiedet tgħid li hija qatt ma ġiet notifikata b'talba bil-miktub sabiex tipprovdi informazzjoni addizzjonali u/jew ulterjuri, u dan kontra d-dettami u r-rekwiżiti tal-liġi. Qalet li r-Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jistipula illi jekk l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni tal-applikazzjoni ma jkunux mimlija kompletament, id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub sabiex jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa, filwaqt li jimponi perijodu ta' skadenza raġonevoli lill-applikant sabiex jipproduċi tali dokumenti, u f'dan il-każ it-terminu perentorju stipulat fir-regolament 12 għandu jkun sospiż sakemm id-Direttur ikun irċieva din l-informazzjoni. Ir-Regolament 16(2) imbagħad jipprovdi li d-Direttur jista' jiċħad l-applikazzjoni jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali msemmija ma jkunux ipprovduti entro l-iskadenza msemmija f'dak is-subregolament.

9. L-appellanta qalet li kontra ta' dak li jipprovdu dawn ir-Regolamenti, hija qatt ma ġiet notifikata sabiex tipprovdi dokumentazzjoni addizzjonali mal-applikazzjoni tagħha u lanqas ma ngħatat terminu sabiex tipprovdi dawn id-dokumenti. L-appellanta għamlet riferiment għal deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Bojan Balaban *vs.* Director of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs**[1], fejn il-Qorti qalet li f'dak il-każ ma kien hemm l-ebda raġuni valida għalfejn id-Direttur appellat ma kkuntattjax lill-appellant direttament u infurmah li min iħaddmu kien naqas milli jikkonforma mat-talbiet li sarulu mid-Dipartiment. L-appellanta ċċitat wkoll is-

[1] 20/2018, 25.01.2019.

sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Youssef Farhat *vs.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriate Affairs***[2], fejn ingħad li f'każ li jirriżulta li ma ġietx ippreżentata d-dokumentazzjoni mitluba, li mingħajrha l-applikazzjoni tal-appellant ma tkunx tista' tkompli tiġi pproċessata, id-Direttur ikun qiegħed jonqos milli jimxi mar-rekwiżiti tal-liġi jekk ma jinformax lill-appellant li l-informazzjoni mitluba mingħandu baqgħet ma ġietx ipprovduta.L-appellanta qalet li l-każ tagħha huwa simili għall-mertu tad-deċiżjonijiet iċċitati minnha, stante li f'dan il-każ Jobsplus talab informazzjoni bħala *feedback* mingħand il-prinċipal tal-appellanta direttament, u din l-informazzjoni baqgħet ma ngħatatlux, imma kemm l-Aġenzija Identity Malta, kif ukoll il-Bord, naqsu milli jinfurmaw lill-appellanta li l-prinċipal tagħha kien naqas milli jipprovdi d-dokumenti rikjesti minnu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li d-deċiżjoni ta' Identity Malta, bi żvista ġiet notifikata lill-prinċipal tal-appellanta biss. Qal li jkun ta' siwi li l-Qorti tibagħat l-atti lura quddiem il-Bord, sabiex il-Bord jisma' l-appell imressaq mill-appellanta fil-mertu, u l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li huma jqisu li tkun neċessarja sabiex isostnu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom. B'riferiment għat-tieni talba li l-appellanta ressqet fir-rikors tal-appell tagħha, jiġifieri dik li l-Qorti tordna lill-intimat sabiex iġedded il-permess tar-residenza tar-rikorrenti, l-appellat qal li tali talba hija improponibbli

[2] 28.10.2020.

u m'għandhiex tiġi milqugħa, għaliex din il-Qorti hija purament qorti ta' reviżjoni li ma tarrogax fuqha poteri ta' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti kkonsidrat li f'dan il-każ id-Direttur appellat irrikonoxxa li nħolqot anomalija meta l-appellanta ma ġietx infurmata li kienu ntalbu dokumenti jew informazzjoni addizzjonali mingħand il-prinċipal tagħha, sabiex l-applikazzjoni tagħha tkun tista' tiġi pproċessata, u dan naqas milli jipprovdi d-dokumenti mitluba minnu. Din il-Qorti kif diversament preseduta kemm-il darba saħqet dwar l-importanza li l-persuna affettwata bid-deċiżjoni amministrattiva li tittieħed, tiġi mgħarrfa b'dik id-deċiżjoni, partikolarment fejn tkun qiegħda tintalab informazzjoni addizzjonali f'isem jew dwar dik il-persuna, u din l-informazzjoni ma tkunx ingħatat. Il-Qorti tfakkar lid-Direttur appellat li l-funzjoni fdata lilu mil-leġislatur tħalli impatt qawwi fuq il-ħajja tal-persuni li jerqsu bl-applikazzjonijiet tagħhom quddiemu, għaliex id-deċiżjonijiet tiegħu jiddeterminaw jekk persuna hux ser ikollha titlaq mill-pajjiż u tirriloka u tibda ħajjitha mill-ġdid f'pajjiż ieħor, bl-implikazzjonijiet kollha li tali deċiżjonijiet iġibu magħhom. Il-Qorti tistenna ferm aktar sensittività u mogħdrija fit-teħid ta' deċiżjonijiet bħal dawn.

11. Ċertament li l-Bord naqas meta ma kkonsidrax is-sensittività tal-każ, u rrifjuta l-appell tal-appellanta sempliċiment għaliex il-prinċipal tagħha naqas milli jipprovdi fil-ħin l-informazzjoni mitluba minnu. Il-Bord ma jistax jieħu deċiżjonijiet bħal dawn b'mod leġġer u mingħajr l-iċken empatija lejn l-

applikanti li jressqu l-każ tagħhom quddiemu. Il-Qorti tifhem li hemm volum ta' xogħol li jrid jiġi pproċessat, iżda fl-istess ħin l-ebda bord amministrattiv m'għandu jinjora l-obbligi l-aktar fundamentali fil-konfront ta' min jersaq quddiemha, jiġifieri dik li jisma' x'għandhom xi jgħidu l-partijiet qabel jieħdu d-deċiżjoni tiegħu. M'hemm xejn li jista' jitqies li huwa raġonevoli f'deċiżjoni fejn il-Bord jirrifjuta l-appell ta' individwu, sempliċiment għaliex min jimpjega lil dak l-individwu naqas milli jipprovdi xi dokument jew xi informazzjoni li mitluba minnu. Huwa għalhekk li l-Qorti qiegħda tiddeċiedi li f'dan il-każ l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord, sabiex dan jagħti terminu lir-rikorrenti ħalli tressaq għall-konsiderazzjoni tiegħu id-dokumentazzjoni li ssostni l-pożizzjoni li ħadet f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li hija m'għandhiex il-poter li tordna lill-awtorità amministrattiva b'liema mod għandha tiddeċiedi, u għalhekk l-appell tal-appellanta qiegħed jintlaqa' limitatament safejn hija fl-ewwel parti tat-talba tagħha talbet lill-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex il-każ ikun jista' jiġi kkonsidrat fil-mertu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-appellanta, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex wara li dan ikollu fil-pussess tiegħu d-dokumenti rikjesti u wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu fil-mertu.**

**Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**